# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru: 343/2017

347/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**John Attard**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 54762G quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Novembru, 2012 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-limiti ta' San Dimitri, Gharb, Ghawdex, ittrasferixxa/caqlaq u zamm illegalment numru ta' annimali bi ksur tal-artikoli 35(1)(c)(iii) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarju, l-Ligi Sussidjarja 437.78 li jispecifika l-Identifikazzjoni ta' Registrar ta' Annimali u r-regolament tal-Unjoni Ewropea 21/2004 li jistabilixxi s-sistement ta' Registrazjoni u Identifikar ta' naghag u moghoz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Lulju, 2017 li biha wara li sabitu hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, kkundannatu ghal

hlas ta' multa ta' Hamest Elef Ewro (€5,000) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) snin;

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Lulju, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar** id-decizjoni appellata u tillibera lill-appellanti mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu;

Rat ukoll ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali introdott fir-registru tal-Qorti Kriminali (Malta) fl-1 ta' Awwissu, 2017 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti, **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant John Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u erogat piena ta' €5000, u **tirriforma** s-sentenza fil-bqija in kwantu flimkien mal-piena kif erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) **tizdied il-konsegwenza tal-konfiska** tal-merhla kollha tal-appellat mizmuma taht l-ghassa fir-razzett tieghu, fl-inhawi ta' San Dimitri, fil-limiti tal-Gharb, ai termini tal-Artikolu 57(2) tal-Kap 437 (Att Dwar is-Servizzi Veterinarji) tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-aggravji tal-appellant John Attard;

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz t-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet tax-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata ta' John Attard esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi dwar is-sentenza in ezami appellaw sia l-imputat John Attard kif ukoll l-Avukat Generali. Ezaminati iz-zewg rikorsi tal-appell, logikament dak ta' John Attard ser ikun trattat qabel dak tal-Avukat Generali la darba l-istess Attard qed jitlob it-thassir tas-sentenza filwaqt illi l-Avukat Generali qed jitlob il-konferma taghha bil-varjazzjoni fil-konsegwenzjali tal-piena;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li l-appellant John Attard instab qed irabbi numru sostanzjali ta' naghag gewwa razzett bla permess u minghajr ma kienu registrati skond il-ligi. L-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant izda fil-gravami singolari tieghu huwa jirritjeni illi din waslet ghall-konkluzzjoni zbaljata b'enuncjazzjoni hazina tal-ligi;

3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi apparti li l-appellant kien imputat bi ksur tal-artikolu 35 tal-Kapitolu 437, kien imputat u misjub hati bi ksur tar-regolamenti fil-Ligi Sussidjarja 437.78 (Avviz Legali 346 tal-2015). Dan l-Avviz Legali jirreferi ghar-Regoli Dwar l-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Majjali meta hawn si tratta ta' naghag. Ezaminati r-regolamenti maghmulha taht il-Kapitolu 437, ma jezisti ebda wiehed rigward l-identifikazzjoni, registrazzjoni jew zamma ta' naghag ghajr dak numru 437.13 – Regolamenti dwar Naghag u Moghoz ghat-tghammir tar-Razza Pura li ma jipotizzax ir-reat in dizamina. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-appellant qatt seta kien misjub hati ukoll ta' ksur ta' dan ir-regolament izda huwa ma qanqal ebda appell in rigward;

4. Ventilat dan, l-ewwel argument tieghu hu li ma kienitx segwita l-procedura meta l-prosekuzzjoni naqqset milli ggib prova tal-ezistenza tal-annimali in kwistjoni. L-appellant mghandux

ragun f'dan ir-rigward. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni kollha jirreferu ghan-naghag fil-farm tal-appellant u kienu esebiti ritratti taghhom liema naghag humwa lkoll mhux registrati. L-appellant stess *ex admissis* jghid illi huwa sab ostakolu biex jirregistra dawn in naghag li ilu jrabbi sa mill-2010. L-argument tieghu li l-prosekuzzjoni naqqset milli tesebixx formalment kwalunkwe evidenza biex tissostanzja t-tezi taghha ghal sejbien ta' htija huwa ghalhekk zbaljat;

5. It-tieni argument tal-appellant hu li it-Tabib Veterinarju Dr. Frank Galea kien ilu jaf b'dawn in-naghag sa mill-2010 skond korrispondenza minnu ezebita u li dawn gia kienu jghoddu mal-mitt wahda. Din il-Qorti, izda, ma tistghax tifhem dan l-argument tal-appellant. Apparti l-fatt illi Dr. Galea spjega kif hu kien irraporta lis-superjur tieghu is-suspett li kien wasal ghandu dwar il-farm illegali tal-appellant. Fl-istess zmien kien mar ghandu l-appellant biex jistaqsiegh x'jrid xi jkollu bzonn biex jibda jrabbi l-annimali u jimmanifattura l-gbejniet fuq bazi kummercjali u dan billi jerga jirravviva l-permess antik li kellu fiz-zmien. L-argument, postulat fuq dan il-fatt ghalhekk ma huwa ta' ebda sostenn ghall-iskop ta' dan l-appell;

6. Jissokta jargumenta l-appellant illi la darba huwa imputat bi ksur tal-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437, ma seta qatt jinstab hati la darba l-annimali qatt ma kienu esebiti formalment u wisq anqas ingiebet prova li kien hemm xi caqlieq jew trasferiment taghhom. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **35. (1) Kull min ikun is-sid, id-detenetur, in-negozjant jew l-importatur, id-destinatarju, it-trasportatur, il-bejjiegh bl-imnut jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att biex tiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, ghalf tal-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew ir-rapprezentant ta' dawk il-persuni, jew min**

ikun inkarigat minn xi attivita' veterinarja privata, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att –

(c) ghandu josserva kull l-obbligazzjoni imposta taht dan l-Att li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed, u jimplimenta regoli relattivi; minghajr pregudizzju ghall-generalita' ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni ghandhom –

(iii) jidentifikaw u jirregistraw annimali, u jiddikjaraw c-caqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabilita' taghhom.

L-atti processwali juru illi l-appellant naqas milli jidentifika u jirregistra annimali taht ir-responsabilita' tieghu u ghalhekk muhiex mehtieg li jkun partecipi ukoll fil-mankanza li jirregistra caqlieq ta' annimali sabiex jista' jinstab hati tar-reat ravvizat fl-artikolu citat *supra*. Fi kliem iehor, persuna tista' tonqos f'wiehed biss mill-ipotezi fir-rassenja appena citata u mhux neccessarjament f'kull wahda minnhom sabiex tinstab hatja;

7. Fl-ahhar argument tieghu, l-appellant jghid illi l-artikolu 35(1)(c)(iii) *jitkellem biss dwar caqlieq ta' annimali u ma jaghmel l-ebda referenza ghaz-zamma ta' annimali skond l-akkuza kif migjuba fil-konfront tar-rikorrenti.* Din il-Qorti ma tistghax hlief li tikkummenta li l-artikolu li bih huwa imputat l-appellant huwa car u jimponi fuq kull persuna hemm imsmmija, sia jekk sid jew detentur eccetera, sabiex jidentifika u jirregistra annimali taht ir-responsaiblita' tieghu kif ukoll illi jiddikjara xi caqlieq taghhom jekk ikun il-kaz. Kull tigbid tat-tifsira semplici ta' dan il-kliem jew ta' x'inhu li mhux suppost li jfisser huwa indeziderat ghall-fini tal-imputazzjoni odjerna;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell kif interpost minn John Attard qed ikun michud;

9. Imiss issa li jkun trattat l-appell tal-Avukat Generali li kif gia indikat *supra*, jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata bil-konferma taghha fejn instabet htija u fejn kienet erogata piena ta'

€5,000 izda billi tizdied il-konfiska tal-merhla mertu tal-kaz kif kienet talbet il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha. L-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 437 li jiddisponi hekk:

> **57. (1) Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika ikun hati ta' reat u jehel, meta jinsab hati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija uj sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646,87);**
>
> **(2) Meta xi hadd jinsab hati ta' xi reat kontra dan l-Att, il-Qorti tista, b'zieda ma' xi piena specifika ohra li tista' timponi, tordna li dawk l-istrumenti, taghmir, prodotti jew sustanzi uzati fit-twettiq tar-reat ghandhom jigu konfiskati favur il-Gvern u, jekk jigu hekk konfiskati, dawn ghandhui jsir minnhom b'dak il-mod hekk kif il-pQorti tista' tiddetermina fuq il-parar tad-direttur.**

10. Kif inhu appena evidenti, il-mizura tal-konfiska hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti. L-Avukat Generali, izda u logikament, jargumenta illi la darba l-appellat kien misjub hati li zamm numru sostanzjali ta' naghag minghjar ma kienu u minghajr ma jistghu qatt ikunu registrati, l-ewwel Qorti kellha tordna l-konfiska taghha ghal diversi ragunijiet fosthom dawk tal-protezzjoni tal-konsumatur sabiex il-prodotti taghhom ma jsibux ruhhom fuq is-suq. Kemm il-darba ma jsirx hekk, il-merhla ser tkompli titkattar. Din il-Qorti tosserva ukoll illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-appellat jipproduci fi kwantitajiet kbar, gbejniet derivanti min naghag tieghu;

11. Issa, apparti l-kwistjoni li l-konfiska mhix wahda tassattiva izda mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, dak li l-Qorti tista' tikkonfiska huma ***dawk l-istrumenti, taghmir, prodotti jew sustanzi uzati fit-twettiq tar-reat*** kif jistipula l-istess artikolu 57

invokat mill-Avukat Generali. In-nagha la huma strumenti, la taghmir, prodottti jew sustanzi, izda annimali li skond kif mfissira fl-artikolu 2 huma "*kull membru haj tar-renju tal-annimali, mimbarra bnedmin, inkluzi forom larvali li jghixu wahedhom u, jew li jirriproducu, imma eskluzi forom fetali jew embrjonici*". L-ewwel Qorti ghalhekk ma kellhiex il-*vires* li tordna l-konfiska tal-annimali u l-argument tal-Avukat Generali, anke jekk inhuma logici u ragjonati favur is-sahha pubblika, ma jistghux ikunu konsiderati oltre;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell interpost mill-Avukat Generali qed ikun michud.

Giovanni Grixti
Imhallef